A.L. 267 ta' l-2002

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi
Għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm 21,000,000
5.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012
(It-Tielet Ħruġ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix il-Lm21,000,000 5.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi maħruġ kif ġej:-

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett. Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett. Policy dwar l-allokazzjoni ta' *stock*.

3. Meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta. Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* ma għandhiex teċċedi Lm 21,000,000 . Somma ta' flus li għandha tinħabar.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm2.85,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-30 ta' Marzu u fit-30 ta' Settembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru, 2002 u t-30 ta' Marzu, 2003 jsir fit-30 ta' Marzu, 2003. Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fit-30 ta' Settembru, 2012. Fidwa ta' *Stock*.